MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2013

Numru. 825/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian J Abdilla)**

**vs**

**Herman Sant**

Kumpilazzjoni Nru: 825/2009

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Herman Sant ta' 37 sena, bin Cristino u Carmen nee' Aquilina, imwieled Pieta' fid-9 ta' Ottubru, 1971, residenti fil-fond Flat numru 3, St Luke's Flats, St Luke Street, St Paul's Bay u detentur ta' karta ta' identita b'numru 439971M.

Akkuzat talli f' Marzu 2009, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda b'mezz ta' rigali, weghdiet jew b'xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom, weghedu, taw jew offrew, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna oħra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis- Sub Titolu (IV) tat-Titolu (III) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex iggiegħelu lil dik il-persuna ohra tesercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun għal dik il-persuna oħra jew g.al xi ħadd ieħor;

B' hekk Herman Sant sar recidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub

a) l-artikolu 18, 42 u 121A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) l-artikoli 17, 18, 23B, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi f'dan il-kaz l-prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat kien komplici ma' certu Saviour Micallef meta dan uza l-influenza li kellu fuq persuni impjegati fid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud[1]. Provi in sostenn ta' din l-allegazzjoni tressqu ftit hafna; xehed l-ufficjal investigattiv, l-Ispettur Ivan Cilia li kien involut f'l-investigazzjoni aktar wiesgha konnessa ma' dan il-kaz, PS494 Gordon Borg u certu Carmel Deguara li kien impjegat fid-Dipartiment.

Illi fid-depozizzjon tieghu l-Ispettur Ivan Cilia rrakkonta lill-Qorti x'kien qallu certu Saviour Micallef dwar l-imputat odjern waqt li dan Micallef kien qed jigi investigat dwar l-involviment tieghu f'l-irregolaritajiet li gew riskontrati fid-Dipartiment. Ghandu jigi rilevat li Saviour Micallef ma tressaqx bhala xhud f'dan il-kaz minhabba li ghad hemm pendenti quddiemu proceduri penali in konnessjoni ma' dan il-kaz. Pero dak li qal Saviour Micallef dwar l-imputat lill-pulizija ma jistax wahdu jittiehed in konsiderazzjoni bhala prova ammissibbli in kwantu jikkostitwixxi *hearsay.*

Illi PS494 Gordon Borg xehed biss biex jikkonferma il-volontarjeta ta' l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat.

Illi fid-depozizjoni tieghu l-ufficjal prosekutur, l-Ispettur Ian Abdilla rrakkonta li l-pulizija bdiet tinvestiga lill-imputat minhabba dak li qal l-imsemmi Saviour Micallef waqt li kien qed jigi interrogat; huwa mbaghad proceda biex irrakkonta lill-Qorti x'kien qal l-imputat f'l-istqarrija tieghu li giet esebieta in atti ukoll.

Illi xehed ukoll Carmel Degura, li kien impjegat fid-Dipartiment u li kontra tieghu kienu ittiehdu proceduri dwar l-involviment tieghu f'l-irregolaritajiet li kienu gew

[1] Aktar 'l isfel imsejhin "id-Dipartiment" jew "VAT" skond il-kaz.

riskontrati fid-Dipartiment; Deguara fil-fatt kien ammetta l-imutazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi dan Degura jghid li lill-imputat jafu ghax gieli kien jibaghtu Saviour Micallef biex jigbor il-VAT returns vojta. Deguara spjega li Micallef kien icempillu biex jaghtih VAT returns (vojta) ta’ terzi persuni. Kien hemm okkazzjonijiet meta Micallef kien icempillu u jghidlu li kien ser jibghat lill-imputat ghal dawn ir-returns; hu kien jaghtihomlu go envelope. Deguara ikkonferma li dawn ir-returns ma kienux ta’l-imputat imma ta’ tax payers varji.

Illi ghandu jigi rilevat li ghalkemm l-imputat huwa persuna registrata mad-Dipartiment ai fini ta’ VAT, fil-proceduri odjerni m’hemm l-ebda allegazzjoni ta’ irregolarita ghal dak li jikkoncerna l-obbligi fiskali ta’l-imputat.

Illi l-imputat kien irrilaxxja stqarrija; f’din l-istqarrija huwa jinnega xi involviment f’kwalunkwe attivita illegali li seta’ kellu Saviour Micallef.

Illi l-istqarrija hija esebieta in atti. Fiha l-imputat jghid li huwa kellu cafetteria l-Belt u minn hemm sar jaf lil certu Alfred Mallia (li ukoll ghandu proceduri pendenti kontra tieghu); jghid li dan Mallia talbu xi flus pero ha l-impressjoni li Mallia kien “imbrulljun” allura ma tahx xejn. Ftit wara li sar jafu, Mallia sema’ lill-imputat jghid li xtaq jimporta xi imbejjd u Mallia qallu li kien ser ilaqqghu ma’ Salvu Micallef f’kaz li jkollu bzonn xi haga relatata ma’ importazzjoni u shipping. L-imputat fil-fatt iltaqa’ ma’ Salvu Micallef u spiccaw bdew jaghmlu xi business flimkien. L-imputat jghid li hu lil certu Nigel Abela (li fil-konfront tieghu ukoll hemm proceuri pendenti) jafu peress li t-tnejn minn Had-Dingli u kienu skola flimkien; konxju tal-fatt li anke Salvu Micallef u Nigel Abela kienu jafu lil xulxin u li kienu jafu lill xulxin minn qabel ma hu sar jaf lil Salvu Micallef. L-imputat jghid li hu beda jigih xi suspett li kien hemm xi affarijiet “hzina” ghaddejjin l-ewwel darba li ra lil Nigel Abela ghand Micallef; kien minn hawn li hu induna li Micallef u Abela kienu jafu lil xulxin. L-imputat jirrakkonta li dak in-nhar kien gie Abela ikellem lil Micallef, Abela dahal f’l-ufficju ta’ Micallef u ghalqu l-bieb. Meta Abela telaq l-

imputat qal lil Micallef li hu ien jafu lil Abela, Micallef qallu li kienu hbieb pero ma tah l-ebda sodisfazzjon dwar x'kienet il-laqgha li kellhom.

Illi l-imputat kompla jirrakkonta f'l-isqarrija li ftit wara dan l-incident Micallef beda jibghatu d-Dipartiment ghand Deguara u gieli ghand in-neputija ta' Micallef (certu Liliana Galea) li kienet tahdem id-Dipartiment ukoll. L-imputat jghid li Micallef kien jibghatu biex jigbor jew jaghti xi karti pero ma kienx joqghod jaghti kaz tal-karti u x'kienu. L-imputat ikompli jirrakkonta li s-suspetti li kellu bdew jissodaw ruhhom meta bdew jigi nies ghand Micallef u Micallef kien jitolbu johrog mill-ufficju.

Illi l-imputat ghalaq billi spjega li fin-negozju li kellu ma' Salvu kien jithallas fuq bazi ta' commission u li meta kien jibghatu d-Dipartiment kien jaghtih xi haga zghira ta'l-iskarigg u tal-petrol. Jghid li hu lil Salvu ghaddielu klienti in konnessjoni man-negozju taghhom u qatt in konnessjoni ma' xi kwistjonijiet relatati ma' VAT.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma tnejn: komplicita ma' persuna li weghdet, tat jew offriet vantagg mhux xieraq li xi persuna li tasserixxi li tista' taghmel xi nfluwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi dik il-persuna, u recidiva.

Illi a skans ta' ekwivoci l-Qorti thoss li f'dan l-istadju ghandha tissottolinea li hija trid tiggudika lill-imputat a bazi tal-provi prodotti fil-konfront tieghu u konsegwentement l-unici provi relevanti ghal kaz in ezami huma dawk akkwiziti f'dan il-process. Dak li jista' jirrizulta f'proceduri ohra, anke jekk konnessi mal-kaz odjern, jew dak li possibilment irrizulta lill-pulizija fil-kors ta'l-investigazzjoni aktar wiesgha in konnessjoni ma' dan il-kaz, huma ghal kollox irrelevanti.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjoni principali migjuba kontra l-imputat hija dik ta' komplicita ma' persuna ohra fir-reat hekk imsejha *trading in influence*.

Illi kif gie stabbilit f'gurisprudenza ricenti

*Minn ezami ta' l-artikolu gdid 121A jemergu zewg reati separati. Dak kontemplat fis-subartikolu (1) huwa dak ta' persuna li twieghed, taghti jew toffri, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija f'l-artikoli precedenti. Mela hawn ghandha l-kaz fejn A is-soggett attiv, qieghed iwieghed, joffri jew jaghti lil B xi vantagg mhux xieraq biex B jinfluwixxi kif jiddeciedi C, sija jekk dan il-vantagg ikun ghal C jew ghal xi hadd iehor prezumibbilment D*.

*Is-subartikolu (2) invece johloq ir-reat ta' min jircevi jew jaccetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jezercita xi influwenza mhux xierqa bhal ma hemm imsemmija fis-subartikolu (1). Mela hawn is-suggett attiv huwa A li qed jaccetta jew jircevi minnghand B xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghall xi hadd iehor, bil-ghan li jezercita influwenza mhux xierqa fuq C.*

*Is-subartikolu (3) mbaghad jiddisponi li r-reati msemmija fis-subartikoli (1) u (2) ikunu saru ghal kollox sew jekk il-kapacita' allegata li ssir influwenza mhux xierqa kienet jew ma kienetx tezisti, sew jekk l-influwenza tkun jew ma tkunx saret u sew jekk l-influwenza pretiza twassal jew ma twassalx ghar-rizultat intiz.*[2]

Illi ghandu jigi rilevat li fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali m'hemmx indikat liema miz-zewg reati ipotezzati f'din id-dispozizzjoni tal-Ligi qed jigi addebietat lill-imputat, pero fic-citazzjoni hemm kwotat ir-reat ipotezzat taht l-ewwel subartikolu allura huwa dan ir-reat li

[2] Ref Republika ta' Malta vs Dr Noel Arrigo Qorti Kriminali deciza 13.06.2006, u anke Pulizija vs Gino Zammit Appell Kriminali deciz 17.09.2008.

jista  jittiehed in konsiderazzjoni minn din il-Qorti fil-konfront ta’l-imputat.

Illi ghalhekk fil-kaz in ezami dak li ghanhda ti;prova l-prosekuzzjoni hu li l-imputat kien komplici ta’ A (is-soggett attiv tar-reat) li da parti tieghu wieghed, ta jew offra xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, B, biex din tinfluwixxi l-mod kif ser jiddeciedi C u li huwa jew ufficjal jew impjegat pubbliku jew xi persuna ohra imsemmija f’l-artikoli 112 sa’ 120 tal-Kapitolu 9.

Illi jibda biex jinghad li dak li gie pruvat f’dan il-kaz huwa li l-imputat kien imur d-Dipartiment ghand certu Carmel Deguara biex jiehu jew igib xi karti (denunzji) minghand Carmel Deguara u dan fuq struzzjonijiet ta’ Salvu Micallef u li ghal dan l-iskarigg Micallef kien ihallas lill-imputat. Ma ngiebet l-ebda prova dwar x’kien qed isir b’dawn id-denunzji, ta’ min kienu, kienux denunzji korretti jew le, jew sarux xi reati in konnessjoni ma’ dawn ir-reati; lanqas ma ngiebet prova li xi hadd prova jinfluwixxi fuq Carmel Deguara.

Illi aktar minn hekk huwa car li l-fatti kif allegati mill-prosekuzzjoni ma jinkwadrawx ruhhom fir-reat li qed jigi addebietat lill-imputat. Dak li qed tallega l-prosekuzzjoni f’dan il-kaz huwa li l-imputat kien jghin lil Saviour Micallef, b’mod li rrenda lilu nnifsu komplici ta’ Micallef, meta dan Micallef accetta xi offerta jew vantagg biex jezercita jew jipprova jezercita influenza fuq ufficjal pubbliku u cioe Carmel Deguara. Dan huwa ir-reat kontemplat fit-tieni subartikolu ta’l-artikolu 121A fuq imsemmi u mhux r-reat kontemplat f’l-ewwel paragrafu ta’ dan l-artikolu 121A; u huwa r-reat kontemplat f’l-ewwel paragrafu ta’l-artikolu 121A li huwa kwotat fic-citazzjoni.

Illi ghandu jinghad ukoll li l-imputat qed jigi akuzat bhala komplici ghalhekk l-prosekuzzjoni kellha l-obbligu li ggib provi li jissodisfaw l-elementi kollha dwar komplicita fosthom il-*common design*. Il-Qorti pero hija tal-fehma li jkun ezercizzju inutli li wiehed jipprova jara jekk jikkonkorrux l-elementi kollha dwar komplicita ghaliex anke jekk jikkonkorru dawn l-elementi kollha, il-fatti li

fuqhom qed hija bazata l-imputazzjoni ma jinkwadrawx ruhhom fir-reat li tieghu qed jinghad li tieghu l-imputat huwa komplici.

Ikkunisdrat

Illi t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputa hija dik dwar recidiva u tiddependi fuq sejbin ta' htija ta' l-ewwel imputazjoni. La darba l-imputat mhux qed jinstab hati ta' l-ewwel imputazzjoni lanqas ma jista' jinstab hati tat-tieni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------